



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7330/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0058(NLE)

PECHE 106

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 108 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni 9782/17

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 108 final.

Mehmuż: COM(2019) 108 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2019
COM(2019) 108 final

2019/0058 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali
tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-
Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni 9782/17**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali għall-perjodu 2019-2023 b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali

Bl-istabbiliment tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali (il-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering) għandha l-għan li tiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 1995.

Ir-Repubblika tal-Polonja hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering. L-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 6(9) tal-Att ta' Adeżjoni¹, il-ftehimiet dwar is-sajd li l-Istati Membri jkunu kkonkludew ma' pajjiżi mhux tal-UE għandhom jiġu ġestiti mill-Unjoni, u l-Unjoni għandha timplimenta kwalunkwe deċiżjoni stabbilita taħthom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7277/16 tal-11 ta' April 2016 awtorizzat lill-Polonja biex fl-interess tal-Unjoni, tinnegożja emenda tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering bl-għan li l-Unjoni ssir parti kontraenti. Attwalment, dak il-mandat qed jiġi implimentat. Huwa mifhum li hekk kif l-Unjoni tiġi aċċettata bħala parti kontraenti integrali, il-Polonja se tirtira s-sħubija tagħha.

2.2. Il-Konferenza annwali tal-Partijiet

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet hija l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni. Din tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni biex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-kompetenza tagħha.

Bħala membru tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, il-Polonja għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' vot. Peress li l-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjoni, il-Polonja tirrappreżentaha fil-Konferenza annwali tal-Partijiet. Il-Konferenza annwali tal-Partijiet normalment tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

2.3. Id-Deċiżjonijiet tal-Konferenza annwali tal-Partijiet

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet għandha l-awtorità li tadotta miżuri għas-sajd taħt il-kompetenza tagħha u dawn huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Il-miżuri miftiehma mill-partijiet kontraenti jidħlu fis-seħħ immedjatament wara li l-partijiet kontraenti jkunu ġew innotifikati bihom.

¹ Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) hija attwalment stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċizzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali bid-dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għall-Konferenza annwali tal-Partijiet, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 9782/17 tat-30 ta' Mejju 2017, li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering għall-perjodu 2017-2021. Id-Deċizzjoni tinkludi prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis, sa fejn hu possibbli, l-ispeċifikitajiet tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering. Barra minn hekk, tistabbilixxi l-proċess standard biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni sena b'sena, kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċizzjoni 9782/17 ma tipprevedix reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet qabel il-laqgħa annwali tal-2022. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-Deċizzjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet tal-Unjoni fid-diversi RFMOs li hija parti kontraenti tagħhom għandha ssirilhom reviżjoni qabel il-laqgħat annwali tal-2019 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, biex tiġi promossa l-koerenza fost il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-RFMOs kollha u biex jiġi sinkronizzat iż-żmien għall-proċeduri ta' reviżjoni, jixraq li tiġi antiċipata r-reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-perjodu 2019-2023 u b'hekk tiġi sostitwita d-Deċizzjoni 9782/17.

Id-Deċizzjoni 9782/17 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS³. Barra minn hekk, din aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti tas-sajd, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari*⁴, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*⁵ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Kongunta⁶.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċizzjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ KUMM(2011) 424, 13.7.2011.

⁴ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

⁵ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

⁶ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tal-liġi internazzjonali li tirregola l-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”⁷.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering.

L-atti li l-Konferenza annwali tal-Partijiet qed tintalab tadotta jikkostitwixxu atti b’effetti ġuridiċi. L-atti previsti għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering u jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat⁸;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁹; u
- Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni¹⁰.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk dak l-att isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew minn dawn il-komponenti jkun identifikabbli bħala l-att ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tiġi bbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jirrikjedi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f’din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9782/17.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

⁸ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁰ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni 9782/17

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Repubblika tal-Polonja hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali (il-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering). L-Unjoni mhijiex Parti għal dik il-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 6(9) tal-Att ta' Adeżjoni¹¹, ftehimiet dwar is-sajd konklużi mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi huma ġestiti mill-Unjoni, u jenħtieġ li l-Unjoni timplimenta kwalunkwe deċiżjoni stabbilita skont il-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7277/16 tal-11 ta' April 2016 awtorizzat lir-Repubblika tal-Polonja biex fl-interess tal-Unjoni, tinneogzja emenda tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering bl-għan li l-Unjoni ssir Parti Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni. Attwalment, dak il-mandat qed jiġi implimentat. Huwa mifhum li hekk kif l-Unjoni tiġi aċċettata bħala Parti Kontraenti integrali tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering, ir-Repubblika tal-Polonja se tirtira s-sħubija tagħha mill-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering (il-Konferenza annwali tal-Partijiet) hija responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jkollha l-għan li

¹¹ Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin jirkupra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment il-qbid skartat u tippromwovi l-metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi speċifikament li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (5) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar "*Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*"¹³, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni kongunta¹⁴, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari*¹⁵, tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu ta-sajd fil-baħar.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-perjodu 2019-2023, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar adottati mill-Konferenza annwali tal-Partijiet se jkun vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹⁶; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹⁷; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.
- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 9782/17¹⁹ ma tippredixx reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet qabel il-laqgħa annwali tal-2022. Madankollu, il-

¹³ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

¹⁴ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

¹⁵ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Konferenza annwali tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10

biċċa l-kbira tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-RFMOs differenti li hija parti kontraenti tagħhom għandha ssirilhom reviżjoni qabel il-laqgħat annwali tal-2019 ta' daww l-RFMOs. Għalhekk, biex tiġi promossa l-koerenza fost il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-RFMOs kollha u biex jiġi armonizzat il-proċess tar-reviżjoni jixraq li tiġi antiċipata r-reviżjoni tal-pożizzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 9782/17 u li titħassar billi tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2019-2023.

- (9) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluża informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, jenħteġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' koperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqas fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2019-2023.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering għandha titwettag f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għall-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 9782/17 tat-30 ta' Mejju 2017 hija mħassra.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.
2. Fil-każ tal-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering, din id-Deċiżjoni għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni li għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Baħar Bering.

ta' Lulju 2012 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali.

3. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President